## 14 ta' Mejju, 1955

**Imħallef:**

**Chev. Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.**

Il-Pulizija *versus* Alfred Caruana

## Traffiku — Sewqan Perikoluż — "Pedestrians"

*Il-"pedestrian" għandu ċertament drittijiet fiċ-ċirkolazzjoni tat-traffiku; imma għandu wkoll obligi.*

*Jekk il-"pedestrian" ikun qiegħed ruħu f'post fejn mhux suppost ikun, u driver li jkun qiegħed isuq karrozza b'mod regolari jsib ruħu f'pożizzjoni ta' emergenza subitanea mħabba fih, dak id-driver ma għandux jiġi ritenut ħati ta' sewqan perikoluż u tal-*

*konsegwenzi li jista' jsofri dak il-"pedestrian" f'dik il-kontingenza.*

Il-Qorti; — Rat iċ-ċitazzjoni tal-Pulizija quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta kontra Alfred Caruana, talli dan, fit-13 ta' Frar, 1955, għal xi nofs inhar u 20 minuta, saq motor-car no. 4603 minn Msida Wharf, madwar ir-"roundabout", Msida, b'manjiera perikoluża, u nsulta lil Vincent Galea bi kliem oxxen;

Rat it-talba magħmula mill-Kummissarju tal-Pulizija għas-sospensjoni tal-liċenzi kollha tiegħu tas-sewqan;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-15 ta' Marzu, 1955, li biha sabet lil Alfred Caruana ħati u kkundannatu £1 multa, u ssospendietlu l-liċenzi kollha tiegħu tas-sewqan għal żmien tliet xhur fuq sewqan perikoluż, u kkundannatu 10s. ammenda talli tkellem oxxen u nsolenta lil Vincent Galea;

Rat ir-rikors li bih l-imputat appella u talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, u li hu jiġi assolt;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

L-ewwel imputazzjoni hi li l-imputat saq madwar ir-"roundabout" ta' l-Imsida b'manjiera perikoluża. Id-"dangerous driving" hu magħmul jikkonsisti filli kien hemm, dak il-ħin, ċertu Galea, martu u ż-żewġt itfal tagħhom, qegħdin mar-"roundabout", u l-car ta l-appellant rasshom;

Issa, Galea u l-familja tiegħu mhux suppost li jkunu hemm madwar ir-"roundabout"; u l-fatt li kienu hemm ikkrea anzi "trap" għall-appellant, li, ġa ladarba kien qiegħed isuq b'mod regolari, ġie mqiegħed f'pożizzjoni ta' emerġenza subitanea minħabba fihom;

Kull min isuq minn hemm jaf, u kull min irid josserva t-traffiku jista' jinduna faċilment, illi car li jkun ġej minn naħa ta' l-Imsida, u jkun sejjer idur mar-"roundabout" għad-direzzjoni ta' Tas-Sliema, bilfors irid jgħaddi rażenti ċ-ċirku tar-"roundabout" f'dak il-pont; għax diversament jista' jiġi in konflitt mat-traffiku li jkun ġej mid-direzzjoni ta' Mannarino Road u jkun qiegħed idur għad-direzzjoni ta' Tas-Sliema — dan apparti l-ispazju okkupat mix-char-a-bancs weqfin, jew li jkunu sejrin jieqfu fil stage tal-pjazza,

huma u sejrin għal Tas-Sliema. *Meta n-nies, ywoldiri l-"pedestrians", imorru rażenti r-"roundabout" f'dan il-pont, id-driver tal-car, malli idur maċ-ċirku, u jkun qed jiftaħ il-viżwali, isib ruħu inaspettatament fuqhom, b'perikolu għalihom; liema perikolu hu awmentat fil-ħinijiet tad-dlam, jew meta l-pjanti u l-fjuri fir-"roundabout" ikunu twalu u għolew b'mod li jkomplu jostruwixxu l-viżwali. L-imħallef sedenti jaħseb li hu l-każ, peress li l-ġurisprudenza għandha tgħin fil-miljorament tal-liġijiet tal-pajjiż, li jagħmel dawn l-osservazzjonijiet, li kellu l-okkażjoni jagħmel ukoll f'sentenzi oħra, u anki fit-trattazzjoni ta' kawżi oħra, bħala "obiter dicta";

Is-sitwazzjoni f'dan ir-"roundabout" ta' l-Imsida u l-paraġġi ta' madwaru hi, indubbjament, waħda li qegħedha tikkrea perikolu kontinwu. Hu ta' min josserva, l-ewwel-nett, li l-"pedestrians", f'dak il-post, isibu ruħhom fin-neċessità li jaqsmu, minn naħa għall-oħra, miċ-diversi naħħiet li hemm, li huma molteplici. Hi ħaġa sorprendenti li, għalkemm it-traversata, minħabba t-traffiku intens, speċjalment fil-"peak period", jew "rush hours", hi skabruża, ma hemmx "pedestrian crossing" wieħed. Għalhekk il-"pedestrian", istintivament, jieqaf ħdejn ir-"roundabout", mentri din ma hix affattu "refuge", għaliex ma' dwarha, kuntrarjament għal dak li sar fir-"roundabout" ta' Porta Rjali, ma hemm ebda bankina bħala "reservation" għall-"pedestrian". Is-soluzzjoni tal-każ tidher li għandha tkun il-kostruzzjoni ta' bankina ma' dwar ir-"roundabout", kif għandha r-"roundabout" ta' Porta Rjali, u diversi "pedestrian crossings" fil-forma solita, cjoè "two lines of studs placed across the carriage way";

Tista' tiġi eżaminata wkoll id-deżiderabbilità li, almenu f'ċerti ħinijiet, dawn il-"crossings" ikunu "controlled". Barra minn Malta, it-"traffic crossings" huma kontrollati bit-"traffic lights", jew bil-Pulizija; hawn Malta, fejn għad ma hawnx is-sistema tat-"traffic lights", il-"control" jista' jsir mill-kuntistabbli li jkun addett għat-traffiku. Tista' tiġi studjata wkoll il-kwistjoni tal-preċedenza" tal-"pedestrians", partikolarment f'dawk li jissejħu "zebra crossings", għax markati "with a pattern of alternate black and white

stripes". Jeħtieġ li, ormaj li t-traffiku f'Malta kiber kważi sporporzjonatament għall-kobor tal-pajjiż, u żdiedu t-"traffic accidents", tiġi affrontata l-leġislazzjoni dwar "pedestrians", li għandhom ċertament drittijiet, imma għandhom ukoll obligi, fiċ-ċirkolazzjoni tat-trafiku. Jekk isiru liġijiet aktarx jitnaqqsu l-aċċidenti; u l-Qrati wkoll jistgħu jieħdu veduta aktar preċiża ta' każijiet fejn tidħol il-kwistjoni tan-negliġenza tad-driver u/jew tal-"pedestrian". Fl-Ingilterra hemm attwalment il-"Pedestrian Crossing Regulations, 1954", li jikkonsolidaw liġijiet ta' qabel, apparti r regolamenti li jista' dejjem joħroġ il-"Minister of Transport" taħt ir-"Road Traffic Acts" ta' l-1930 u ta' 1934. "Mutatis mutandis", dawn jistgħu jservu ta' ġwida "in lege ferenda";

Għalhekk ma jidherx li din l-ewwel imputazzjoni hi sostnuta; għax l-appellant kien konfrontat b'din l-emerġenza fuq spjegata, u għax ma jirriżultax li hu b'xi mod ieħor, per eżempju bi speed eċċessiv, jew b'sewqan ħażin, jew b'xi irregolarità oħra fis-sewqan, ġieb jew żied il-perikolu;

Kwantu għat-tieni imputazzjoni, il-Qorti hi inklinata li temmen lil Vincent Galea;

Għalhekk tiddeċidi;

Billi tilqa' l-appell, fis-sens li tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevoka l-ewwel parti tagħha, u tiddikjara l-appellant mhux ħati ta' l-ewwel imputazzjoni, tilliberah minnha, u tneħħilu l-pieni relattivi tal-multa ta' £1 u tas-sospensjoni tal-liċenzi; u tikkonferma t-tieni parti tagħha dwar it-tieni imputazzjoni.